MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2690/2002

Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-Kumpannija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittjiet tal-assikurata taghha Giovanna Pace u l-istess Giovanna Pace

Vs

Stefan Bartolo

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u seba' u ghoxrin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm227.76) ammont dovut mill-konvenut bhala hlas ta' danni kkawzati fuq il-vettura bin-

numru IBC 645 misjuqa mill-attrici, assikurata mis-socjeta attrici li hija surrogata fid-drittijiet taghha (filwaqt li l-istess attrici ghandha interess li tirkupra Lm25 bhala excess minnha mhallas) waqt li l-konvenut bi traskuragni u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku habat gol-karrozza imsemmija fi Triq ta’ Qali fit-13 ta’ Dicembru 2001.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti huma s-segwenti:-

(a) L-incident sehh fit-13 ta’ Dicembru 2001 gewwa Triq Ta’ Qali;

(b) L-attrici kienet qeghda ssuq il-vettura bin-numru IBC 645 ghaddejja mit-triq principali;

(c) Il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru EAW 124 u kien hiereg minn triq sekondarja u ried jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq principali

2. Mill-verzjoni moghtija mill-partijiet meta xehedu, it-Tribunal huwa iktar propens li jemmen il-verzjoni moghtija mill-attrici. Il-konvenut jaqbel ma’ l-iskizz. Pero jrid jinghad li bejn il-vettura EAW 124 u l-vettura IBC 645 hemm distanza ta’ 0.80 m. Jidher ghalhekk li l-konvenut kien iktar il-barra milli jghid li kien. Huwa xehed li l-vettura tieghu kienet fil-posizzjoni li tidher fuq l-iskizz [fol. 19] u li kienet l-attrici li baqghet diehla fil-vettura tieghu waqt li kien wieqaf fit-tarf tat-triq sekondarja. It-Tribunal ma jaqbilx ma’ din il-verzjoni stante li kieku l-affarijiet graw bil-mod kif irrakkonta l-konvenut ma kienx ikun hemm dik id-distanza bejn iz-zewg vetturi u l-vettura

IBC 645 kienet tkun iktar angolata lejn il-vettura misjuqa mill-konvenut.

3. Illi l-konvenut kien hiereg minn triq sekondarja u ghalhekk l-attrici kellha d-dritta. Miz-zewg verzjonijiet moghtija t-Tribunal jemmen dik moghtija mill-attrici, u ghalhekk il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li kkaguna fuq il-vettura l-ohra.

4. Fir-rigward tad-danni dawn ma gewx kontestati u anzi gew sodisfacentement ippruvati mill-atturi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u seba' u ghoxrin lira Malitja u sitta u sebghin centezmu (Lm227.76), bl-imghax kif mitlub.

Spejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------